# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 16/00mm**

**GasanMamo Insurance agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alpine Rent-a-Car Limited sija bil-polza u sija bil-Ligi – u l-istess Alpine Rent-a-Car Limited**

**vs**

**Philip Bartolo u b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2000, il-gudizzju gie trasfus fl-ismijiet ta' Antonia**

**Bartolo, Joseph Mark Bartolo, u Rose Anne Bartolo u b'digriet tat-22 ta' Gunju, 2000, il-Qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li wara l-isem "Antonia Bartolo" jizdiedu l-kliem " u l-istess Antonia Bartolo ghan-nom u fl-interess ta' bintha minuri Liliana Bartolo"**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550.00) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tal-20 ta' Gunju, 1998, gewwa Hal-Farrug Road, Luqa, bejn il-mutur FBK 457 misjuq mill-konvenut u il-vettura numru LCK 345 misjuqa minn Nicholas Zahra u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici, liema ncident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju, 1999, u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-11 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.